# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' April 2022**

**Talba Nru: 70/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**Angele Buscemi Le Brun (ID 558485(M))**

**Vs**

**Ryan Debattista (ID 294181(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2020, permezz ta' liema, l-attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf, disa' mija, tnejn u sebgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,972.79c) rappreżentanti benefikati magħmula ġewwa fond tal-konvenut u dan kif aħjar deskirtt fl-istess Avviż tat-Talba. *In subsidium* ġie mitlub ukoll li dan it-Tribunal

jordna r-ritorn ta' dawn il-benefikati. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, dak ta' ittra uffiċjali bin-numru 30/2020 u l-imgħaxijiet[1];

Ra r-risposta tal-konvenut tal-11 ta' Ġunju 2020, permezz ta' liema, l-konvenut laqá għal din it-Talba billi eċċepixxa li l-ebda ammont ma huwa dovut għaliex dak mitlub ma kienx meħtieġ, il-benefikati saru b'għażla tal-attriċi, li semmai huwa l-konvenut li għandhom jitlob rifużjoni ta' somom oħra u li l-attriċi ħadet dak kollu li riedet lura bi qbil[2];

Ra l-affidavit tal-attriċi u d-dokumenti mehmuża miegħu[3];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[4];

Ra t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-attriċi in kontro-eżami magħmula wara li nħatar assistent ġudizzjarju għal dan il-għan[5];

Sema' x-xhieda tal-attur in eżami u kontro-eżami[6];

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament traskritta hekk kif ordnat[7];

**Ikkunsidra;**

---

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol 12 *et seq* tal-proċess.
[3] Nota relattiva tinsab a fol 14 tal-proċess.
[4] A fol 38.
[5] Rapport relattiv, inkluż dokumenti, jinsab a fol 64 *et seq* tal-proċess.
[6] A fol 95 tal-proċess.
[7] Trattazzjoni tibda a fol 105 tal-proċess.

Illi qabel mat-Tribunal jibda bir-riassunt tal-provi u l-kunsiderazzjonijiet legali fil-mertu ta' din it-talba, jinħass xieraq li jissofferma ruħu fuq aspett proċedurali fir-rigward ta' kif it-Talba ġiet redatta. Kif diġa ġie indikat hawn fuq, parti mit-Talba qiegħda titlob ir-ritorn ta' xi oġġetti.

Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija radikata bid-dispost tal-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jingħad mill-ewwel li dan it-Tribunal qatt ma jista jakkolji din il-parti tat-Talba. Issa huwa minnu li l-konvenut baqa' sieket fuq dan l-aspett[8]. It-Tribunal jispjega li huwa m'utilizzax dak li jrid l-artikolu 732A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta propju għaliex din it-tieni parti tat-talba ġiet offruta b'sosituzzjoni għat-talba prinċipali, fis-sens li l-attriċi qiegħda primarjament titlob rimbors ta' xi oġġetti. Għalhekk, kif jifhimha dan it-Tribunal, jekk huwa jsib li l-attriċi għandha raġun fil-lamentela tagħha, ikun jista jordna l-ħlas ta' tali ammont u b'hekk l-attriċi tkun sodisfatta.

Illi għalhekk biss, ma hemmx kwistjonijiet ta' kompetenza (jew aħjar in-nuqqas tagħha)[9].

---

[8] Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Montaldo Insurance Agency Ltd Noe Vs Micallef Emanuel Et</u>**, (App Ċivili 94/2005/1), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-3 ta' Ottubru 2007, ġie ritenut hekk: *"Minn ezami tal-linja ta' difiza adottata mis-socjeta` assiguratrici appellanti quddiem it-Tribunal ma jirrizulta minn ebda eccezzjoni illi din issollevat l-inkompetenza, li issa qed tqajjem ghall-ewwel darba fi grad ta' appell. Dan iqieghed quddiem il-Qorti kwestjoni ta' l-istadju ta' lammissibilita` ta' eccezzjoni ritwali; Hu principju procedurali ben assodat illi meta linkompetenza, minn kwalunkwe kawza dipendenti, ma tigix eccepita in limine litis din titqies rinunzjata. Hu veru li l-gudikant ta' l-ewwel grad ghandu l-fakolta li jirrileva d'ufficio l-inkomptenza tieghu, imma la dan ma jaghmlux il-kawza tibqa' radikata quddiemu. Difatti, lanqas ma hi ammessa censura f' sede ta' appell kontra dak il-gudikant ghal dik l-inottemperanza tieghu ma' dak id-dover fakoltattiv jew dik ta' l-"indifferenza" minnu ta' l-ordinament procedurali ghal fatt. Dan ghaliex in mankanza ta' dak ir-riljev d' ufficio l-kompetenza ma tistax titqieghed in diskussjoni"*

[9] Similment, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Anthony Grech Vs Joseph Spiteri</u>**, (Talba Nru: 163/2017 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presedut nhar il-5 ta' Novembru 2020 u dik

Illi magħmul dan il-punt, it-Tribunal sejjer jissokta sabiex jiddisponi minn din il-vertenza. Imiss li jsir riassunt tal-provi prodotti.

Illi l-attriċi xehdet permezz t'affidavit[10]. Hawn tispjega li hija kellha relazzjoni mal-konvenut bejn Awwissu 2016 u Ġunju 2019. F'Diċembru tas-sena 2016 hija tgħid li il-konvenut saqsiha sabiex tmur tgħix miegħu ġewwa appartament il-Mosta u għaddielha sett ta' ċwievet. Tgħid li dan l-appartament ma kellu xejn u kienet hi li xtrat kollox minn butha. Maż-żmien tgħid li l-konvenut wera nuqqas t'għarfien f'dak li għandu x'jaqsam ma' finanzi. Tgħid li hija kienet qiegħda tikkontribbwixi wkoll għall-affarijiet essenzjali tal-ħajja u kienet tħallas ukoll il-kontijiet relattivi. Hija tgħaddi sabiex telenka xi oġġetti partikolari li hija xtrat u eżebiet xi rċevuti. Tgħid ukoll li għalkhemm xtrat diversi oġġetti oħra, għażlet li tillimita l-pretensjoni tagħha fuq xi oġġetti partikolari biss, ta' liema hija għandha irċevuti. Tagħlaq billi tgħid li kien l-konvenut li keċċiha mid-dar u li hija spiċċat tgħix mal-ġenituri tagħha.

Illi in kontro-eżami[11], tibda billi tispjega li qabel mal ltaqat mal-konvenut hija kienet tgħix mal-ġenituri tagħha u kienet bi ħsiebha titlaq minn xtutna. Dwar il-fond tgħid li kienet hi li pprovdiet l-aktar affarijiet bażiċi. Dwar ir-ritratti eżebiti tgħid li għaliha il-post ma kienx abitabbli qabel ma daħlet hi u tgħid ukoll li xi mejda kienet ġiet miksura mill-konvenut. Tgħid li din kienet mejda kerha. Tikkonferma li ma riditx tgħix ġo post armat minn żwieġ ieħor. Tgħid li l-post ma kienx abitabbli *għall-istandards* tagħha. Hija kienet imdorrija tgħix mod ieħor. Dwar il-korrispondenza bil-posta elettronika ma kinitx kapaċi tikkonferma

ta' dan it-Tribunal kif presedut fl-ismijiet **Patrick Tanti vs Claudine Azzopardi, (Tlb Nru: 293/2017)** mogħtija nhar it-8 ta' Frar 2021.

[10] Nota relattiva tinsab a fol 14 tal-proċess.

[11] Dan sar permezz ta' mezzi telematiċi u ġie appuntat Assistent Ġudizzjarju sabiex jisma din ix-xhieda. R-rapport relattiv (kemm it-traskrizzjoni u dak viżwali) jinsab fil-proċess.

li dawn qalithom hi. Ma kinitx tħallas kirja. Tgħid li l-konvenut ipproponixxa li jiżżewġu. Tgħid li hi qiegħda titlob il-ħlas biss għal xi affarijiet li l-konvenut ma riedx jagħtiha lura. Tikkonferma l-korrispondenza elettronika, għalkemm tgħid li dak id-diskors skond hi ma kienx wieħed finali. Tgħid li kien hemm xi telefonati oħra. Tikkonferma li kien hemm ftehim li r-rigali jibqgħu għand xulxin salv iċ-ċurkett tal-għerusija.

Illi l-konvenut xehed kemm in eżami u in kontro-eżami fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021[12]. Hawn jispjega li huwa kien jgħix mal-attriċi fil-fond tiegħu għal madwar tlett snin. Dwar il-camera *Go Pro* jgħid li din kienet rigal u kien ġie aċċettat li r-rigali reċiproki jibqgħu għand min ħadhom. Dwar l-infieq l-ieħor fid-dar jgħid li kienet l-attriċi biss li riedet tixtri dawn il-mobbli għaliex ma riditx tgħix f'post armat b'affarijiet tal-mara passata tiegħu. Jgħid li l-fond kien armat b'kollox meta daħlet tgħix fih l-attriċi. Jgħid li xi mobbli għadhom għandu iżda hu ħallas nofshom ukoll. Kien ħafna oġġetti fejn hu ħallas nofs ukoll li marru għandha. Kien hemm ftehim verbali f'dan is-sens. Jgħid li huwa ma riedx jixtri xi mobbli bħal-mejda għaliex diġa kellu iżda ċeda għaliex inkella kien ikun hemm ħafna diskussjonijiet. Dwar l-ilma u dawl jgħid li dejjem hu ħallas. Lanqas kera ma kienet tħallas. Jgħid ukoll li l-attriċi ma kinitx tgħin fir-rigward tal-faċilitá bankarja li għandu fuq il-post. Jerġa jgħid li kien hemm ftehim fuq dak kollu li qiegħda titlob l-attriċi f'din il-kawża u dan huwa dokumentat permezz ta' posta elettronika.

Illi in kontro-eżami u pressat sabiex jara jekk l-affarijiet indikati humiex fil-post tiegħu jgħid li d-deskrizzjoni hija vaga wisq biex jirrispondi. Jaqbel li l-affarijiet inxtraw bi ftehim miegħu, għaliex inkella kien jispiċċa bi ġlied. L-affarijiet inxtraw fuq isem l-attriċi u bin-nifs. Baqgħet tħallashom l-attriċi, sa fejn jaf hu.

---

[12] Xhieda relattiva tibda a fol 95 tal-proċess.

Hu ma ħallasx lill-fornituri tal-mobbli. Kien hemm oġġetti li nxtraw permezz ta' kont bankarju tat-tnejn li huma. Jgħid li l-attriċi kienet tgħin fil-faċendi domestiċi.

Illi magħmula dan ir-riassunt, għalkemm l-avukati difensuri tal-partijiet kienu siekta dwar dan fit-trattazzjoni finali[13], jidher ċar lil dan it-Tribunal li l-azzjoni li qiegħda teżerċita l-attriċi hija dik li wara l-emendi tas-sena 2007 issa tinsab kodifikat fil-Kodiċi tagħna fl-artikoli 1028A u 1028B u ċioé l-*actio de in rem verso*. Il-leġislatur, permezz tal-Att VIII tas-sena 2007, ikkodifika dak li kien ilu jintqal *f'corpus* abundanti ta' sentenzi preċedenti. Sa ċertu punt ukoll, il-konvenut qiegħed jgħid ukoll li kien hemm tpaċija m'affarijiet li huma fil-pussess tal-attriċi. Għar-raġunijiet li sejrin issa jiġu hawn emessi, dan l-aħħar aspett m'għandux għalfejn jiġi kunsidrat (kemm mill-aspett proċedurali u dak sostantiv).

Illi ma jkunx inutili lit-Tribunal jinvesti ftit fuq dan is-suġġett u l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi din l-azzjoni. Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkażjonijiet, anki qabel il-kodifikazzjoni ta' din l-azzjoni[14] sabiex jevalwaw dawn ir-rekwiżiti.

Illi apparti minn hekk, huwa mifhum u aċċettat li din l-azzjoni issib ir-radiċi tagħha proprju fil-qofol tal-kunċett tal-ekwitá[15] u għalhekk sa ċertu punt din l-

---

[13] It-Tribunal ikollu jistqarr li ma tantx fiehem kif l-abbli avukat difensur tal-attriċi fisser li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija simili għal dik ta' partijiet miżżewġa iżda regolati bir-reġim tas-separazzjoni tal-assi.

[14] Illi f'dan is-sens issir referenza, kemm għal dak li ġie awterevolment hemm deċiż, kif ukoll għar-rakkolta' ġurisprudenzjali u dottrinali hemm magħmula, għas-sentenza fl-ismijiet **Mario Aquilina vs Alexandra Mizzi,** (Rik Nru: 735/08 JRM) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Jannar 2019. Utli wkoll li ssir referenza għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Richard Dimech vs Alessio Zammit et,** (App Ċiv Nru: 478/16/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar it-30 ta' Marzu 2022.

[15] Baudry-Lacantinerie u Barde jagħtu ssegwenti definizzjoni ġenerali *"La defineremo cosi: é l'azione con la quale una persona persegue la restituzione dell'arricchimento che si é prodotto a sue spese e senza causa giuridica nel patrimonio del convenuto. Esso altro non é che la sanzione di guel grande principio di equitá: Nessuno deve arricchirsi ingiustamente a danno*

azzjoni tirrijentra b'aktar qawwa fir-regoli speċjali li janimaw lil dan it-Tribunal[16].

Illi dan it-Tribunal jgħid li l-azzjoni attriċi hija destinata li tfalli. L-attriċi ma hija kredibbli xejn meta tgħid li l-affarijiet mitluba minnha inxtraw minna biss u dan għaliex il-post ma kienx abitabbli. Għal dan it-Tribunal, l-element t'arrikkament huwa wkoll nieqes għaliex irriżulta ben pruvat li fil-fatt dawn l-oġġetti nxtraw biss għax riedet l-attriċi. Kienet għażla tagħha li żżejjen post (li kien totalment diġa abitabbli[17]) b'affarijiet li riedet hi. Kif jaraha dan it-Tribunal, ma jistax jingħad li dak li nxtara seħħ sabiex jibbenefika il-konvenut, jew li dan b'xi mod igwadanja xi forma ta' vantaġġ[18]. Għalkemm l-affarijiet personali tal-kontendenti ma tantx jiċċentraw f'din l-azzjoni digriet huwa bil-wisq ovvju li dak li seħħ kien frott it-tkissir tar-relazzjoni bejn il-partijiet. Minn qari tax-xhieda u mill-komportament tal-attriċi waqt il-kontro-eżami[19], jirriżulta ċar li din il-kawża

---

*di altri"* – **Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile,** Delle Obbligazioni, Vol IV, para 2849, a fol 521.

[16] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assocjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

[17] Apparti x-xhieda tal-konvenut, u l-fatt li huwa kien diġa jgħix f'dan il-post għal numru ta' snin ma martu u t-tifla tiegħu, hemm ukoll il-korrobazzjoni tar-ritratti a foll 65 u 66 tal-proċess, liema ritratti ma ġewx diskreditati mill-attriċi.

[18] Huwa bil-wisq ovvju li parti essenzjali ta' din it-Talba hija propju ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra. Il-fatti ta' dawn il-każ ma wasslux għal dan il-konvinċiment. Kif ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Jan Sammut vs Vincent Farrugia et,** (Rik Nru: 520/2011) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Novembru 2020 fejn reġa ġie mfakkar hekk *"Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ".*

[19] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li lewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti*

qiegħda ssir biss b'xi tentattiv ta' tpattija għall-fatt li spiċċat ir-relazzjoni. Dwar dan it-Tribunal sejjer jieqaf hawn.

Illi naturalment kienet tkun storja oħra li kieku l-attriċi verament għenet u ħallset sabiex tagħmel benefikati fil-fond in kwistjoni. Minn naħa l-oħra peró affarijiet li nxtraw sempliċement għar-raġunijiet li jistgħu jitqiesu bħala kapriċċi ma jistgħux jwasslu sabiex jingħad li hija ssodisfat l-elementi rikjesti.

Illi fil-verità minn dak li kkonstata dan it-Tribunal, kienet l-attriċi stess li kkonfermat lill-konvenut li huwa seta' jżomm l-oġġetti issa hawn mitluba ir-rimbors tagħhom[20].

Illi finalment dwar ix-xiri tal-camera *Go pro,* irriżulta, mhux kontestat, li dan kien rigal mill-attriċi lejn il-konvenut. Huwa bil-wisq ovvju li ma hemmx jedd għal xi restituzzjoni kontenenti f'somma għal dan l-oġġett. Fil-ħin tal-għotja ta' din il-camera ma kien hemm l-ebda intenzjoni ta' rikompensament u għalhekk illum l-attriċi ma tistax titlob il-ħlas lura tagħha.

Illi għalhekk, kollox ma kollox, dan it-Tribunal ma jistax isib li l-azzjoni tal-attriċi timmerita akkoljiment.

Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jilqá l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, jiċħad t-talba tal-attriċi.

---

*hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda"*

[20] *Vide* korrispondenza a foll 67, 68 u 69 tal-proċess.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-attriċi.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur